# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 511/97

Joseph Attard

vs

Telemalta Corporation u b' digriet tas-16 ta' Marzu 1999 giet korretta ghal Is-socjeta` Maltacom p.l.c. fil-kwalita` taghha ta' successur tat-Telemalta Corporation

Illum 7 ta' Mejju 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-disgha (9) ta' Mejju 1987 u l-hmistax (15) ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1990 u s-snin ta' wara huwa sofra ingustizzja f'li nghata transfer ma nghatax promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien dahal jahdem mal-Korporazzjoni intimata bhala ESTS fis-sena 1983 u l-1985 wara li ghadda minn ezami, u kien gab bosta kwalifiki li ghandhom x'jaqsmu mat-telekomunikazzjoni huwa sar tal-post. Bejn l-1985 u l-1987 huwa hadem fi progett ta' joint venture li l-Korporazzjoni intimata kellha mal-British Telecom. F'April 1987 huwa gie stazzjonat f'Wied Rini (Maritime Section) u hemmhekk kien jaghmel xoghol ta' technician bi grad ta' Telecom Technician II (TTII). F'Lulju ta' l-istess sena huwa gie mitlub jibda jahdem bix-Shift.

Fl-1989 ir-rikorrent applika biex jigi promoss ghall-Telecom Technician III (TTIII) u wara interviesta li fiha kien hassu li mar tajjeb peress illi gie mistoqsi fuq xoghol li kellu esperjenza vasta fih, ir-rikorrent ma nghatax din il-promozzjoni. Minflok, gew promossi nies b'inqas kwalifiki minnu.

Fl-1990 ir-rikorrent gie notifikat permezz ta' telefonata mill-Personnel Section biex flimkien ma kollega tieghu, jirraportaw ghax-xoghol fl-Exchange ta' Tas-Sliema. F'din l-Exchange ma kienx hemm xoghol ghar-rikorrent u l-kollega tieghu u fl-istess gurnata ntbaghtu jaghmlu xoghol klerikali f'St. Francis Ravelin il-Furjana.

F'Awissu tal-1991 wiehed mill-haddiema li kien hemm stazzjonati f'Wied Rini. Irrizenja mill-impieg tieghu minn mal-Korporazzjoni intimata, u r-rikorrent ghamel talba formali lic-Chairman tal-istess

Korporazzjoni intimata biex jerga jigi stazzjonat f'Wied Rini mhux talli ma giex moghti sodisfazzjoni ghat-talba tieghu, izda ittiehdu passi dixxiplinarji kontra r-rikorrent talli kiteb direttament lic-chairman tal-Korporazzjoni intimata.

F'Mejju tal-1992 ir-rikorrent gie trasferit ghal cable Sub-Store fejn kien u ghadu sal-gurnata tal-lum jaghmel xoghol klerikali.

Ghaldaqstant filwaqt illi r-rikorrent kellu l-kwalifiki ta' Technician huwa spicca jaghmel xoghol klerikali u tilef l-opportunita li japplika ghal promozzjoni ta' STO u dan skond ic-cirkulari Nru. (18/96 Per Conf 102/96) datata 10 ta' Gunju 1996.

Minhabba din l-ingustizzja ir-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi filwaqt illi huwa gie ingustament imtellef mis-"shift" allowance li kellu meta kien jahdem f'Wied Rini, ma regax gie stazzjonat f'Wied Rini meta kien hemm vakanza, ma nghatax promozzjoni ghall-TTIII li kien intotlat ghaliha u gie moghti xoghol klerikali u ghaldaqstant ma setax jinghata promozzjoni ghall-STO.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi

jinghata l-promozzjoni ghal Telecom Technician III b'effett minn meta kien intitolat li jiehu din il-promozzjoni u li jithallas l-arretrati tal-paga minn dik id-data flimkien ma kumpens ghax-shift Allowance illi huwa tilef jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-korporazzjoni intimata li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Telecom Technician III kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika pero' ma kkwalifikax u ghalhekk ma setghax jinghata l-promozzjoni.

3. Illi minn massimu ta' 100 marka ir-rikorrent gab biss 24 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 2 marki minn 30 marka ghas-snin ta' servizz; 2 marki minn 20 marka ta' l-esperjenza; 5 marki minn 15 il-marka tal-kwalifiki; 4 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika; 8 marki minn 10 marki ghal taghrif generali u 3

minn 5 marki ghal personalita`. Jidher car li r-rikorrent baqa' lura fil-marki fuq il-kriterji oggettivi.

4. Illi dwar l-allegazzjoni li gew promossi nies b'inqas kwalifiki mir-rikorrent il-korporazzjoni irrizervat li twiegeb u tressaq ix-xhieda meta tigi kjarifikata din l-allegazzjoni. Pero' ghandu jigi rilevat illi l-kwalifiki kienu biss wiehed minn sitt kriterji ta' l-ghazla u kienu jgorru maghhom 15-il marka minn 100.

5. Illi dwar it-transfer li sar fl-1990 ma saret ebda distinzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent li tikkwalifika bhala ingustizzja fit-termini tal-ligi. It-trasferimenti fil-korporazzjoni jsiru regolarment ghal ragunijiet ta' xoghol.

6. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tal-korporazzjoni intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent pprezenta affidavit fejn semma li bejn l-1985 u l-1987 hadem fi progett ta' joint venture li l-Maltacom p.l.c. kellha mal-British Telecom. F'April tal-1987 gie stazzjont f'Wied Rini (Maritime Section) u hemmhekk kien jaghmel xoghol ta' technician bi grad ta' Telecom Technician II (TTII). F'Lulju ta' l-istess sena gie mitlub li jibda jahdem bix-Shift. Fl-1989 applika biex jigi promoss ghall-Telecom Technician III, pero` ma naghtax din il-promozzjoni. Hu kien appella kontra din id-decizjoni permezz ta' ittra datata 11 ta' Gunju 1990, pero` ma nghata l-ebda risposta. Fl-1990 rcieva telefonata mill-Personnel Section, fejn qalulu biex jirraporta ghax-xoghol fl-Exchange ta' Tas-Sliema. F'din l-Exchange ma kienx hemm xoghol ghalih u fl-istess gurnata intbaghat jaghmel xoghol klerikali f'St. Francis Ravelin, il-Furjana.

John Borg ipprezenta affidavit fejn qal li r-rikorrent huwa impjegat ezemplari u li tista tafdah fuq xoghlu. Ma kienx jaf jekk kienx hemm complaints fuqu.

Joseph Mallia Technical Executive mal-Maltacom xehed dwar il-kriterji uzati mill-bord tal-ghazla fil-promozzjonijiet in kwistjoni u pprezenta wkoll kopja tar-rapport. Semma li skond ir-records tal-korporazzjoni r-rikorrent meta gie trasferit minn Wied Rini Receiving Station ghal mal-Cable Plant Works Section fil-11 ta' April 1990 beda jahdem bil-gurnata u b' hekk tilef ix-Shift Allowance u l-Hdud u l-festi.

David Buttigieg Executive Principal mal-Maltacom ipprezenta kopja tal-call for applications. Dwar l-ammont ta' flus li tilef ir-rikorrent xehed li dawn jammontaw ghal Lm3747 bejn April 1990 u Lulju 1997. Semma wkoll li fittex fil-personal file tar-rikorrent u ma sab ebda dokumentazzjoni relattiva ghal xi talba tar-rikorrent biex jerga' jmur lura.

Dwar l-appell li kien ghamel ir-rikorrent dwar il-promozzjonijiet qal qal li ma kienet nghatat ebda risposta lill-appellanti li l-appell taghhom ma kienx intlaqa', inkluz ir-rikorrent. Gew infurmati biss dawk l-impjegati li l-appell taghhom kien intlaqa'. Dawn ta' l-ahhar kienu gew moghtija l-ittra tal-hatra fil-grad rispettiv li lahqu. Hu kkonferma l-kontenut tac-cirkolari 18/96 Per Conf 102/96 datata 10 ta' Gunju 1996.

**KONKLUZJONIJIET:**

L-ilment tar-rikorrent jirreferixxi fil-verita` ghal zewg aspetti u cioe`:

- Nuqqas ta' promozzjoni ghal TT III, u
- Transfer ingust lir-rikorrent li kawza tieghu tilef il-flus.

Dwar in-nuqqas ta' promozzjoni saret referenza ghas-sentenza moghtija fis-6 ta' Novembru 2001 fir-rikors numru 1108/97 fl-ismijiet Joseph Mallia vs Chairman Maltacom p.l.c. fejn it-Tribunal qal:

**Allokazzjoni Generali ta' Marki:**

Dan it-Tribunal jinsab spiss affacjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma' principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma' principju ta' logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta' servizz (seniority) u kwalifiki ghax f'dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta' ingustizzja. B'daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita', adattabilita' ghax-xoghol in kwistjoni, u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f'dan il-kaz u cioe':

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita' | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki. Kif jista' jkun li Bord jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed mill-kwalifiki in generali. Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta

tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedgha ssir minn persuna wahda. Ir-risposti kienu jinghataw f'minuta, tnejn f'interview. Dan ma kienx xi ezami skritt. Il-personal files tal-applikanti ma kinux f'idejn il-Bord. Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe' il-kriterju ta' kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta' liema livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku. Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta' 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita'. Ma hemmx ghalfejn ta' hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki. 20% huwa percentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b'hekk fil-verita' gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta' TO II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 15% |
| Kwalifiki | 25% |
| Mistoqsija Teknika | 15% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita` | 5% |

Analizi tar-Rizultati:

Fuq l-aspett tas-**snin ta' servizz** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta' applikanti ohra. B'hekk biss it-Tribunal ikun jista' jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **experience** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut mas-snin ta' servizz ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:

30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7; kien hemm min ghal 7 snin ta' servizz inghata 17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat! Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom. Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.

Dwar **kwalifiki** 13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki; minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe' 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki. Dwar il-**mistoqsija teknika** ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta' servizz. Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16. Il-maximum tal-kwalifiki kien 15; fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom

15. Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab 10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn kellhom 10 snin ta' servizz u kien TO I u l-iehor 12 il-sena u kien TO II].

Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tar-rizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta' TO III kienet 52%; it-Tribunal ihoss li din trid tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta' dawk li mhux suppost hadilhom posthom. Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja.

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**

Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 2; it-Tribunal jinnota li r-rikorrent dahal jahdem mat-Telemalta fl-1985 u ghalhekk suppost li nghata 4 marki u mhux 2 ghax ghalkemm ma hemm imnizzel xejn fir-rapport li l-marki nghataw wahda ghal kull sena meta qies l-allokazzjoni ta' 30 marka bil-fors li trid tinhadem b' marka ghal kull sena; ghalhekk ir-rikorrent qed jinghata 4 marki;

Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 2; meta wiehed iqis in-numru ta' snin li kien ilu mal-korporazzjoni kien haqqu 4; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 3;

Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 5; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal il-marka ssir 8;
Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 4; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal il-marka ssir 3;
Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 8; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10%; it-Tribunal ihalli l-istess marka ta' 8;
Dwar Personalita` l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 3; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5%; il-marka tibqa' 3.

Dan igib it-Total ghal TT III ghal 29. Illi ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat dwar il-promozzjoni.

Dwar it-tieni aspett tal-ilment u cioe` t-transfer li gie moghti lir-rikorrent fl-1992 ghall-Cable Sub-Store fejn kien u ghadu sal-gurnata tal-lum jaghmel xoghol klerikali meta r-rikorrent kellu l-kwalifiki ta' Technician u b' hekk ir-rikorrent sofra danni finanzjari specjalment dovuti ghat-telf ta' shift allowance. It-Tribunal dwar transfers fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li

jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Issa fil-kaz in ezami ma nghatat ebda raguni ghaliex ir-rikorrent spicca jaghmel xoghol klerikali. Meta xehed fl-10 ta' Ottubru 2000 ir-rapprezentant tas-socjeta` intimata David Buttigieg semma li kawza tat-transfer ir-rikorrent tilef Lm3747 bejn April 1990 u Lulju 1997 dovuta ghal shift allowances u affarijiet konnessi. Jinghad li r-rikorrent fil-fatt ma hadimx dawn is-sieghat ta' shift u ghalhekk ma kellux it-tbatija ghall-istess sieghat izda li minn naha l-ohra s-socjeta` intimata ma gabet ebda raguni ghala nghata dan it-transfer. It-Tribunal ihoss li ghalhekk saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett elef lira [LM3000].

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.